# Rapport Ġenerali fuq il-Karti tal-Eżamijiet

## Suġġett : Il-Malti

## Sena Skolastika : 2009-2010

### Għaliex dan l-eżerċizzju?

Is-sistema edukattiva tagħna hija bbażata fuq l-eżamijiet. Aħna bħala għalliema nintalbu nfasslu karta wara oħra. Dawn l-eżamijiet iħallu impatt qawwi fuq ħajjet l-istudenti u allura kull darba nħossu l-piż tar-responsabbiltà biex it-tfassil tal-karta jsir b'attenzjoni u għaqal kbir. Hemm teknika sħiħa ta' kif wieħed ifassal karta biex kemm jista' jkun ikollha livell għoli ta' validità. Is-suġġerimenti li qed nagħtu f'dan ir-rapport ħriġniehom wara li analizzajna xi wħud mill-karti tagħkom l-għalliema fl-iskejjel tal-Knisja. L-idea ta' dan l-eżerċizzju mhuwiex li nuru x'inhu n-negattiv jew x'kienu n-nuqqasijiet iżda biex jekk hemm min jixtieq itejjeb xogħlu aħna nkunu ta' għajnuna permezz tar-rispons li qed nagħtu. Jekk hemm min minnkom li jħoss il-bżonn ta' taħriġ f'din it-teknika tat-tfassil tal-karta aħna bħala HoDs lesti li ngħinukom.

### Mal-ewwel daqqa t'għajn

L-ewwel ħaġa li tolqtok f'karta ta' eżami huwa t-titlu li kultant ikun fl-ewwel paġna għalih waħdu jew inkella bħala *header* b'tipa kbira. Dan bħal qisu jagħti l-identità lill-karta mogħtija. Ġeneralment ikun hemm l-isem tal-iskola, l-eżami jekk hux qed isir fi Frar jew f'Ġunju, is-sena u l-ħin. Ladarba dan hu eżami tal-Malti, ikun tajjeb jekk din l-informazzjoni tingħata bil-Malti. Ħafna mill-karti li rajna hekk kienu. Iżda kien hemm xi wħud li użaw l-Ingliż. M'aħniex qed nirreferu għall-isem tal-iskola. Jekk l-isem proprju huwa bl-Ingliż għandu jitħalla bl-Ingliż iżda tista' tirreferi għalih bħala "Skola St X" jew "Kulleġġ X". L-informazzjoni l-oħra faċilment tista' tinqeleb bil-Malti. Kien hemm karta li ma kienx fiha l-isem tal-iskola wkoll. Hija ħasra li kultant issib dawn in-nuqqasijiet. Iżda dan l-eżempju sibnieh darba biss.

Sfortunatament sibna karti li l-ortografija kienet għadha mhix skont l-aġġornament li sar dan l-aħħar. Ejjew inkunu attivi u nagħtu eżempju lill-istudenti biex jiktbu skont id-deċiżjonijiet il-ġodda.

## It-tqassim tal-karta

Hemm ċertu elementi fit-tqassim tal-karta li jridu jkunu żgurati li huma tajbin. It-tqassim tal-karta għandu jgħin lill-istudenti u mhux ifixkilhom. Dan jinkludi l-qies tal-*font* magħżul. Dan ma jistax ikun inqas minn .12 u jrid ikun hemm spazju tajjeb li jgħin lill-istudenti biex jaqraw bil-kumdità. Kull paġna trid tkun innumerata u l-aħjar flimkien man-numru tal-paġna jkun hemm ukoll in-numru tal-paġni kollha tal-karti bħal "Paġna 1 minn 6". It-tmiem tal-karta jkun indikat u l-ħin ikun imniżżel. Kull taqsima jkollha struzzjoni ċara u konċiża u kull *item* ikollha indikat il-marka. Tajjeb li niċċekkjaw li l-marki kollha jammontaw għall-marka finali. Forsi dawn neħduhom bħala ovvji imma kultant jaħarbulna żbalji ta' dan it-tip għax aħna m'aħniex magni u l-iżbalji umani tistenniehom.

Tkun prattika tajba jekk wara li tkun fassalt il-karta tħalliha għal ftit jiem u terġa' taqbadha u tikkoreġiha. Ikun ħafna aħjar jekk il-karta ttiha lil xi kollega ta' fiduċja biex jaraha u sserraħ rasek li jkunu rawha par għajnejn oħra. Biex tkompli taċċerta ruħek li l-karta hi tajba jkun għaqli li l-karta taħdimha kollha daqs li kieku int l-istudent u meta tagħmel hekk tinduna jekk hemmx biżżejjed spazju fejn tikteb, jekk il-ħin hux biżżejjed, jekk il-mistoqsija hux qed tinftiehem sew jew jekk hix tqila jew faċli wisq. Dawn huma kollha affarijiet li jekk jiġu ċċekkjati tkun qed iżżid il-validità tagħha.

Hemm proċess ieħor li wieħed jista' jagħmel biex iżid il-validità. Tista' tinħadem it-tabella ta' speċifikazzjoni. Din ittik idea ċara fuq jekk it-tqassim huwiex tajjeb, jekk hemmx bilanċ fil-livelli ta' diffikultà u jekk l-items ikoprux tajjeb is-sillabu li fuqu tkun saret il-karta. Huwa veru wkoll li biex isir dan kollu l-proċess jaf jieħu xi ftit tal-ħin. Iżda min ikun jixtieq li jserraħ rasu u jkun ċert li ta karta b'livell għoli ta' validità, dan huwa l-uniku mezz biex jilħaq dan il-għan.

## Osservazzjonijiet

Waqt l-analiżi tal-karti osservajna diversi aspetti. Kultant sibna li fejn ingħatat l-għażla, l-*items* minn fejn iridu jagħżlu ma jkunux tal-istess livell. Jekk *item* tkun aktar diffiċli u ħafna mill-istudenti jagħżlu dik faċli, imbagħad kif se tkun ġusta fl-għoti tal-marki ma' min għażel *item* oħra diffiċli?

Fit-taqsima tal-Komponiment nissuġġerixxu li ma jingħatawx ħafna titli. Sitt titli jew tmienja huma ħafna. L-istudenti jispiċċaw jaħlu l-ħin biex jaraw liema se jagħżlu. L-aħjar ikun hemm erba' titli. Apparti minn hekk tajjeb ukoll li fl-għażla jkun hemm varjetà fit-tip ta' kitba mistennija minnhom. Mhux kulħadd huwa tajjeb fil-kitba argumentattiva jew dik narrattiva. F'eżami, biex ikun ġust, għandu jkun hemm titli ta' xejra differenti.

L-eżerċizzju tat-taħriġ il-fehem huwa komponent ieħor li ssibu f'kull karta tal-Lingwa. Interessanti li sibna karta mingħajr taħriġ il-fehem. Naturalment nissuġġerixxu li eżerċizzju ta' dan it-tip għandu jkun inkluż għax huwa eżerċizzju importanti fit-taqsima tal-Lingwa. Importanti li l-mistoqsijiet ikunu f'ordni li jixhdu s-sekwenza tas-silta. Ma jistax ikollok l-aħħar mistoqsija li t-tweġiba ssibha fil-bidu tas-silta. Irid ikun hemm bilanċ bejn mistoqsijiet ta' xeħta referenzjali u mistoqsijiet ta' xeħta inferenzjali biex hekk ikun hemm gradazzjoni fil-livell ta' diffikultà.

Fil-grammatika nnotajna li forsi kien hemm mistoqsijiet fuq aspetti li huma xi ftit elementari żżejjed għal-livell tat-tielet sena. Pereżempju fit-tielet sena m'hemmx għalfejn issaqsi fuq nomi komuni u proprji.

Fil-qasam tal-letteratura, ir-referenza għall-kuntest hija poplari ħafna. Irridu noqogħdu attenti biex kemm jista' jkun ma nagħtux mistoqsijiet li jkunu jeħtieġu tweġiba li ma tkunx fis-silta tar-referenza. M'aħniex qed nirreferu għall-interpretazzjoni tal-poeżija kollha iżda kultant sibna *item* li kienet titlob xi aspett tekniku li ma jkunx qed jidher fis-silta magħżula u allura aktar tkun qed tiġi eżaminata l-memorja milli l-ħila tal-interpretazzjoni. Hemm bżonn li l-letteratura ma nqisuhiex bħala suġġett ta' studju ta' memorja iżda xi ħaġa ħajja li tista' tanalizzaha għax qiegħda quddiemek.

Ħafna mill-mistoqsijiet tal-letteratura kienu bbażati fuq poeżiji weħidhom jew novelli separati jew rakkont minn xi rumanz. Hemm bżonn li nibdew inħarrġu lill-istudenti fil-ħila tal-kritika letterarja mhux sempliċiment fuq poeżija waħda weħidha iżda billi jkunu kapaċi jevalwaw żewġ poeżiji jew aktar f'relazzjoni bejniethom fid-dawl ta' tema komuni. Hekk inkunu qed niżviluppaw il-ħsieb kritiku tal-istudenti u fl-istess ħin ngħollu l-livell.

## Il-pożittiv

Ma nixtiqux li f'dan ir-rapport ninstemgħu negattivi. Fil-maġġoranza tagħhom il-karti kellhom livell tajjeb ta' validità u osservajna aspetti pożittivi ħafna. Pereżempju kien hemm karti fejn fuq wara tal-karta inkludew paġna ta' evalwazzjoni biex l-istudent ikun jista' jara fejn mar tajjeb u ħażin. Kien hemm saħansitra spazju fejn l-istudent iniżżel il-kumment tiegħu fuq kif mar u jekk kinitx tixraqlu l-marka skont dak li għamel. Kien hemm karti fejn inkludew l-aspett tal-istorja tal-lingwa li hu t-topik li ġeneralment isir fit-tielet sena f'dak li għandu x'jaqsam ma' kultura. Il-marki tal-proġett kien inkluż fil-marka totali u meta jsir hekk lill-istudent tkun qed iżżidlu l-motivazzjoni biex jippreżenta xogħol ta' kwalità aktar għolja.

### Konklużjoni

Il-validità ta' karta ta' eżami hija kunċett xi ftit jew wisq kumplessa daqs kemm hi importanti. Hemm diversi fatturi li jaffettwawha. Meta għalliem ikun konxju tagħhom ikun jista' jasal biex isejjes il-qafas tal-karta tal-eżami tiegħu fuq kunċetti tajbin u li allura jwasslu għal eżami validu. Bis-saħħa t'hekk inkunu qed nassiguraw li l-eżami u r-riżultat ma jkunx biss perċezzjoni imma realtà.

Claire Zerafa, Phyllis Debono
Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti
Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika

---